MALTA

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2017

Rikors Revoka Numru 748/17LM

**Fl-atti tal-Mandat Numru 1140/17 fl-ismijiet:**

**Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon (114474M) bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija estera Expedia Marine Ltd, kumpannija reġistrata ġewwa n-Niġerja b'indirizz fi 50D, Glover Road, Ikoyi, Lago, Niġerja u assuma l-atti minfloku bħala mandatarju speċjali tal-istess kumpannija estera Dr Marco Ciliberti**

***vs.***

**(i) Elitavia Malta Limited (C46032) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Luqa LQA 4000; u**
**(ii) Elit'Avia Flight Solutions d.o.o. (numru uffiċjali 2239299) ta' Barjanska cesta 54, Ljubljana, Slovenja għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu, 2017 mis-soċjetà **Elitavia Malta Limited (C46032)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta").

Rat ir-Risposta ippreżentata fit-18 ta' Awwissu, 2017 mill-Avukat Pawlu Lia għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera **Semeru Business Corporation Limited** (minn issa ''l quddiem "is-soċjetà Semeru"), li ġiet awtorizzata tintervjeni f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-Risposta ippreżentata mis-soċjetà estera intimata **Expedia Marine Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata Expedia").

Rat in-Nota ippreżentata fit-18 ta' Awwissu, 2017 mis-soċjetà estera **Elit'Avia Flight Solutions d.o.o. (2239299)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà Elit'Avia d.o.o.").

Rat l-atti tal-Mandat ta' Arrest Nru 1140/2017 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat") li ġew allegati biex jiffurmaw parti integrali mill-atti ta' dan ir-Rikors permezz ta' digriet tas-17 ta' Awwissu, 2017.

Rat l-atti ta' dan ir-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Awwissu, 2017 fejn ir-Rikors tħalla għas-seduta tal-25 ta' Awwissu, 2017 għall-provvediment, li però ġie rikjamat għal-lum għall-istess skop.

In suċċint il-kwistjoni bejn il-partijiet f'dawn il-proċeduri, hija s-segwenti:

Permezz tal-Mandat ġie arrest l-ajruplan tal-għamla Bombardier Global 6000 bil-*manufacturer's serial number* 9451 u marka ta' reġistrazzjoni (9H-NGX) (minn issa 'l quddiem "l-ajruplan arrestat") li kien fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta bħala operatur. Il-Mandat inħareġ mis-soċjetà intimata Expedia abbażi tal-pretensjoni tar-ripussess *(repossession)* tal-ajruplan arrestat li kien fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta jew taħt il-kontroll tagħha u li, skont ftehim ossija *Aircraft Management Agreement* datat 12 ta' Jannar, 2013 bejn is-soċjetà intimata Expedia u s-soċjetà Elit'Avia d.o.o., li ġie tterminat b'ittra tat-28 ta' Lulju, 2017, kellu jiġu ritornat lis-soċjetà intimata Expedia, iżda baqa' fil-pussess u taħt il-kontroll tas-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta bi ksur tal-istess ftehim.

Is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta qiegħda titlob għar-revoka tal-Mandat ai termini tal-artikolu 836(1)(b),(d) u (f) tal-Kap. 12. Is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta kienet qed topera l-ajruplan inkwistjoni permezz ta' *Aircraft Management Agreement* datat 31 ta' Marzu, 2017 li għandha mas-soċjetà Semeru, is-sid tal-ajruplan li ġie arrestat. Is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta ssostni illi s-soċjetà intimata Expedia m'għandha l-ebda titolu fuq l-ajruplan arrestat u għalhekk hemm lok illi l-Mandat jiġi revokat abbażi tas-subartikoli 836(b), (d) u (f) tal-Kap. 12. Barra minn hekk il-Mandat mhuwiex disponibbli bħala rimedju f'dan il-każ, u dan minħabba n-natura tal-pretensjoni tas-soċjetà intimata Expedia, fis-sens li hija m'għandhiex pretensjoni konsistenti f'dejn jew pretensjonijiet ta' valur ta' mhux inqas minn miljun euro. Inoltre

hija ssostni li l-ħruġ tal-Mandat mhuwiex neċessarju fiċ-ċirkustanzi għaliex jeżistu garanziji oħrajn ai termini tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata Expedia tgħid illi s-soċjetà Elit'Avia Slovenia naqset milli tirritorna lilha l-pussess tal-ajruplan arrestat wara li tatha avviz ai termini tal-*Aircraft Management Agreement* suriferit tat-12 ta' Jannar, 2013. Ai termini tal-istess *Aircraft Management Agreement*, is-soċjetà Elit'Avia d.o.o. kienet qed topera l-ajruplan suriferit fil-kategorija *"private",* liema ajruplan dak iż-żmien kien reġistrat fl-Istati Uniti bil-marka tar-reġistrazzjoni N451GX. F'Lulju 2017, għad illi s-soċjetà intimata Expedia ma kinitx qablet ma' dan, l-ajruplan inkwistjoni ġie reġistrat f'Malta u beda jiġi operat mis-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta. Minħabba f'hekk fis-17 ta' Lulju, 2017 hija bagħtet avviż lis-soċjetà Elit'Avia d.o.o. fejn għarrfitha bil-ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha u fejn intalbet biex issewwi l-istess. Stante li Elit'Avia d.o.o. baqgħet inadempjenti, fit-28 ta' Lulju, 2017 is-soċjetà intimata Expedia tterminat l-*Aircraft Management Agreement* u Elit'Avia d.o.o. ġiet interpellata sabiex tirrikonsenja l-ajruplan fl-*operating base* indikat fil-ftehim suriferit u fiż-żmien stipulat fl-istess ftehim.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura tagħna, persuna tista', mingħajr mhu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-mandati kawtelatorji, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kundizzjonijiet li jrid il-Kodiċi, jiġu maħruġa u eżegwiti taħt

ir-responsabbiltà tagħha.[1] L-uniċi verifiki li tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju ta' qabel il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, huwa li jiġi żgurat r-rikorrent jindika b'mod kemm jista' jkun ċar l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur u fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba u li r-rikorrent jikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament.[2] Tenut kont li verifiki aktar fil-fond minn hekk jistgħu jieħdu ż-żmien tagħhom u fil-frattemp l-iskop kollu ta' mandat kawtelatorju jista' faċilment jiġi imxejjen, bħala mezz ta' verifika ulterjuri wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, il-liġi tagħna tipprovdi l-proċedura kkontemplata fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 sabiex jiġi żgurat illi mandat kawtelatorju jkun inħareġ skont il-liġi u għar-raġunijiet li trid il-liġi u fin-nuqqas, il-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat mill-Qorti, sew għal kollox jew f'parti minnu. Illi għaldaqstant id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 iridu jiġu interpretati f'dan l-ambitu. Għad illi l-eżami li jrid isir a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 huwa aktar fil-fond mill-eżami pjuttost formali u superfiċjali li jsir qabel il-ħruġ tal-Mandat, tenut kont anki ta' dak li jingħad speċifikatament fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 subinċiż (d), l-eżami li jrid isir hawnhekk, xorta waħda jibqa' llimitat għal-livell ta' *prima facie*.

Illi fir-rigward ta' proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex din il-proċedura hi maħsuba li tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss fuq bażi *prima facie.* Dan

[1] Artikolu 830 tal-Kap. 12.
[2] Artikolu 831 tal-Kap. 12.

qalitu din il-Qorti fil-kawża **Joseph Camilleri et. *vs.* Anthony Govè et.** b'dan il-kliem:

> "Mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[3]

Illi ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna illi:

> "Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn".[4]

> "L-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat".[5]

Mandat ta' arrest kawtelatorju ta' inġenji tal-ajru jista' jinħareġ unikament biex jitqiegħdu fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, kemm *in personam* jew *in rem* li bit-tluq tal-imsemmi inġenji tal-ajru jistgħu jiġu skartati u ma jkun jista' jinħareġ ebda mandat ieħor kontra l-inġenji tal-ajru jekk mhux mandat ta' arrest.[6] Is-soċjetà intimata Expedia fir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat

[3] Ara wkoll id-deċiżjoni fl-ismijiet **Emanuel Sammut *vs.* Josephine Sammut**, P.A., 05.06.2003.
[4] P.A., 09.12.2014, deċiżjoni fl-ismijiet **V.G. Tiles Company Limited et., *vs.* Sier & Sons Limited *et.***
[5] P.A., 25.08.2010, deċiżjoni fl-ismijiet **Francis Spiteri *et. vs.* Charles Darmanin *et.***
[6] Artikolu 865A tal-Kap. 12.

tagħmilha ċara li hija "trid tqiegħed fiż-żgur pretensjonijiet *in personam* li bit-tluq tal-inġenju tal-ajru li qed jissemma f'tali rikors jistgħu jiġu skartati".

Illi mhuwiex ikkontestat illi l-pretensjonijiet ikkawtelati bil-ħruġ tal-Mandat mis-soċjetà intimata Expedia, huma pretensjonijiet *in personam* u mhux *in rem*. Is-soċjetà intimata Expedia setgħet kieku riedet għażlet illi taġixxi *in rem* u mhux *in personam* għall-finijiet ta' ripussess tal-ajruplan arrestat. Tant hu hekk is-soċjetà intimata Expedia fir-Risposta tagħha tgħid illi mhijiex qiegħda teskludi illi tintavola proċeduri ġudizzjarji intiżi sabiex jiġi kkonfermat illi hija tassew is-sid jew il-benefiċċjarju tal-ajruplan arrestat. Inoltre l-artikolu 742E tal-Kap. 12 jistatwixxi illi l-qrati ċivili ta' Maltin għandhom ġurisdizzjoni *in rem* fir-rigward ta' kull pretensjoni għall-pussess ta' inġenji tal-ajru.[7] Madankollu s-soċjetà intimata Expedia għal raġunijiet li taf hi, f'dan il-każ għażlet li permezz tal-Mandat tikkawtela pretensjonijiet *in personam* abbażi ta' allegat ksur tal-ftehim tat-12 ta' Jannar, 2013 kontra s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta li ma kinitx parti mill-imsemmi ftehim. *Di più*, is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta lanqas mhija l-proprjetarja tal-ajruplan arrestat u jekk għas-saħħa tal-argument is-soċjetà intimata Expedia tikseb sentenza favur tagħha kontra s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta, ma tkunx tista' teżegwiha fuq l-ajruplan arrestat ladarba dan mhuwiex proprjetà tas-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta.

Tqis kwantu għall-kwistjoni lil min jappartjeni l-ajruplan arrestat, hija l-liġi stess permezz tal-artikolu 10 tal-Kap. 503 li tistabbilixxi illi ċertifikat ta' reġistrazzjoni ffirmat mid-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili għandu

[7] Artikolu 742E(1)(b) tal-Kap. 12.

jitqies bħala prova *prima facie* li jkun ġie hekk maħruġ, u dwar il-kontenut tiegħu. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita illi tali ċertifikat ta' reġistrazzjoni jinħareġ mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili wara li jkunu saru verifiki akkurati dwar il-kontenut tiegħu. Peress li għall-finijiet ta' din il-proċedura, l-eżami li għandha tagħmel il-Qorti huwa wieħed limitat li m'għandux imur lil hinn minn dak illi jirriżulta *prima facie*, tqis illi minn dak illi jirriżulta *prima facie* mid-Dok E1 esebit in atti[8], la s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta u lanqas is-soċjetà intimata Expedia mhuma l-proprjetarji tal-ajruplan arrestat u għalhekk jisfa nieqes wieħed mill-elementi essenzjali għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, illi permezz tiegħu l-kreditur iqiegħed fi żgur id-debitu jew il-pretensjoni tiegħu billi jaqbad, jiffriża jew f'dan il-każ jarresta assi li jkunu proprjetà tad-debitur. L-inġenju tal-ajru arrestat la hu proprjetà tad-debitur u lanqas tal-kreditur.

Illi dak illi tallega s-soċjetà intimata Expedia li kien hemm xi 'raġġiri' da parti tas-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta u da parti tas-soċjetà Elit'Avia d.o.o., b'tal-ewwel tkun skont hi l-*lunga manus* tat-tieni, liema 'raġġiri' ħolqu relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà intimata Expedia u s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta, huma asserzjonijiet jew pretensjonijiet li jeħtieġu indaġini approfondita lil tmur ferm lil hinn mill-eżami *prima facie* li tirrikjedi l-liġi, liema eżami għandu fil-każ odjern jistrieħ fuq il-prova *prima facie* maħluqa mil-liġi stess bl-artikolu 10 tal-Kap. 503.

Illi s-soċjetà intimata Expedia tikkontendi wkoll illi hija kienet il-benefiċċjarju tat-*trust* imħaddma minn Bank of Utah bħala *Owner Trustee*

[8] *A fol.* 12 u 13.

tal-ajruplan arrestat. Madankollu s-soċjetà intimata Expedia *ex admissis* tistqarr illi hija baqgħet għal dejjem sprovvista mit-*trust agreement* minn fejn suppost jirriżulta illi hija l-benefiċċjarju tat-*trust* inkwistjoni. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tistrieħ fuq il-prova *prima facie* maħluqa mil-liġi stess *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 503.

Illi kif *del resto* tistqarr is-soċjetà intimata Expedia fir-Risposta tagħha u anki fit-trattazzjoni mill-abbli avukat difensur tagħha, il-pretensjonijiet tagħha mhumiex ibbażati fuq drittijiet ta' proprjetà tal-ajruplan arrestat, imma fuq azzjoni *in personam* imsejsa fuq ksur ta' kuntratt li s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta ma kinitx parti minnu. Is-soċjetà intimata Expedia ma tistax taġixxi kontra s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta, għall-anqas abbażi tal-kawżali kif imfissra fil-Mandat, meta din ma kinitx parti mill-kuntratt suċċitat u tikkawtela pretensjoni li ma tirriżultax *prima facie* fuq l-ajruplan arrestat li mhuwiex proprjetà tas-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta imma li kien operat minnha, u li huwa proprjetà tas-soċjetà Semeru li hija kompletament estraneja għal dawn il-proċeduri, b'din tal-aħħar tkun ippreġudikata mhux ftit jekk il-Mandat jibqa' *in vigore* u l-ajruplan arrestat jiġi *grounded* għal tul ta' żmien.

Is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta qiegħda *inter alia* titlob għar-revoka tal-Mandat taħt l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 li jgħid illi l-Qorti tista' tordna r-revoka tal-Mandat *in toto* jew *in parte* jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Bosta

deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna jagħtu interpretazzjoni pjuttost restrittiva ta' dan is-subartikolu, fis-sens:

> "li din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[9] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;[10]

Mill-banda l-oħra hemm deċiżjonijiet oħrajn tal-Qrati[11] li jinterpretaw din id-dispożizzjoni tal-liġi fis-sens illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat mill-Qorti f'każ:

1. Li jigi stabbilit li *prima facie* l-mandat ma kienx raġonevoli li jkun fis-seħħ *ab initio*;

2. Jekk jirriżulta li kien raġonevoli mad-daqqa t'għajn, allura l-Qorti tinvestiga jekk kienx hemm xi tibdil sussegwenti fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika t-talba għar-revoka.

Illi kif ingħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Electro Fix Limited et vs. Kevin Pisani**[12]:

> "Għalkemm hemm provvedimenti tal-qrati li jgħidu li paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) japplika jekk iseħħ xi żvilupp wara li jiġi ppreżentat l-att kawtelatorju, din il-qorti m'hijiex daqstant konvinta li dan hu l-każ fir-

[9] Ara P.A. (GC), 03.08.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr Tonio Fenech *noe vs.* Dr Patrick Spiteri *et noe et.***
[10] **Bartholomeo Bonnett *et vs.* George Borg *et.,*** P.A., 23.10.2007, Rikors Nru 589/2007 (JRM).
[11] **Maria Theresa sive Marthese Thorn *vs.* Alfred Saliba,** P.A., 07.04.2016, Rikors Nru 58/16 (LSO).
[12] P.A.(AE), 27.03.2013, Rikors Nru 211/13.

> rigward ta' dik il-parti tal-provvediment li taqra: "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju". Wieħed irid jiftakar li l-mandati ta' sekwestri normalment jinħarġu mingħajr indaġni u għalhekk dan il-provvediment jagħmel sens in kwantu jagħti l-opportunità li l-qorti tara jekk fil-każ partikolari li jkollha quddiemha huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ. Fil-fehma tal-qorti hu t-tieni parti ta' paragrafu (f) li qiegħed jikkontempla sitwazzjoni ta' tibdil ta' ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-att kawtelatorju."

Din il-Qorti hija propensa illi tadotta din it-tieni interpretazzjoni li hija aktar konsona mal-ispirtu tal-liġi, tenut kont tal-fatt illi l-eżami li jsir mill-Qorti qabel il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huwa wieħed formali, li jorbot l-aktar fuq id-dikjarazzjoni ġuramenta ta' minn qiegħed jikkawtela l-kreditu jew il-pretensjoni u fejn ma ssir ebda indaġni imqar *prima facie* dwar il-kreditu jew pretensjoni ikkwatelata bil-mandat. Tqis għalhekk illi fejn *ab initio* mandat ma kienx raġonevoli li jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' tordna r-revoka tiegħu.

Tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern fejn jirriżulta *prima facie* illi l-kawżali kif imfissra fil-Mandat hija pretensjoni *in personam* kontra *inter alia* s-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta lli mhijiex l-proprjetarja tal-ajruplan arrestat, mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ.

Tqis ukoll illi ladarba ma jirriżultax fuq bażi *prima facie* li s-soċjetà intimata eżekutanta għandha titolu fuq l-ajruplan arrestat, hija m'għandha l-ebda bażi legali biex tavvanza l-pretensjoni tagħha għar-ripussess tal-ajruplan inwkistjoni u kemm is-soċjetà rikorrenti Elitavia Malta u kemm is-soċjetà estera Semeru mhumiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet tagħha. Is-soċjetà intimata Expedia m'għandha l-ebda pretensjoni kontra s-soċjetà

rikorrenti eżekutata li kontra tagħha nħareġ il-Mandat u għalhekk a tenur tal-artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 wieħed mir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat ma jeżistix u ma kienx jeżisti *ab initio*.

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan ir-Rikors billi ai termini tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap. 12 tirrevoka għal kollox il-Mandat ta' Arrest Nru 1140/2017 fl-ismijiet premessi.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tas-soċjetà intimata Expedia Marine Limited.**

Moqrija.